MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2290/2002

**Oliver Mallia**

**Vs**

**Saviour sive Sunny Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tmenin lira Maltija (Lm80), spejjez li saru mill-attur sabiex jirranga l-hsara fil-vann tieghu, liema hsara giet ikkagunata f’incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta’ Mejju 2002 fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Melh, San Pawl il-Bahar, u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-attur jispjega li fid-data ta' l-incident il-vann tieghu kien ipparkjat meta l-konvenut irriversja ghal go fih.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmenin lira Maltija [Lm80].

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**